PREZZ 4d.




NUMRU SPEĊJALI — LULJU, 1967



LILL-MISIDJANI KOLLHA
FL-OKKAZJONI
TA' L-EWWEL CENTINARJU
TAL-PARROCCA
DAN IN-NUMRU SPECJALI
NIDDEDIKAW




# WEMBLEY'S ICE CREAMS

**FOR QUALITY & QUANTITY**

WHY SPEND MORE
WHEN YOU CAN GET
MORE FOR LESS.

**WEMBLEY'S**

HAVE BEEN SINCE **1937**
AND ARE CONTRACTORS
TO ALL FORCES
IN MALTA AND AFLOAT

**FOR ANY SUPPLIES**

**Tel. Dial 34071**



METAL
ART &
CRAFT

**THE DOLPHIN FORGE**

**WROUGHT**
**IRON**
**WORKS**

**Decorative & Artistic**
**Indoor & Outdoor (Garden)**
**Furniture**
**Galvanizers & Metallizers**

**118-186 MARINA STREET,**
**PIETA' MALTA G.C.**
**Tel. 22819**

Prop.

**Joseph**
**Farrugia**



**EDITORJAL:**

**Dak li ilna nistennew issa wasal — qegħdin ngħixu l-jiem li fihom qed jiġi mfakkar għeluq l-ewwel mitt sena mit-twelid tal-Parroċċa tagħna. Din hija okkażjoni waħdanija li żgur ħadd minna ma jerġa' jgħixha darb' oħra. U għalhekk għandna d-dmir ilkoll li nagħmlu ħilitna biex ngħixuha mill-aħjar li nistgħu b'mod li wliedna 'l quddiem ikollhom lejn x'hiex iħarsu lura u jiftaħru b'dan il-pass fl-istorja ta' pajjiżna.**

Kulħadd ħa pjaċir li l-affarijiet ittieħdu xi ftit bis-serjeta' aktar mis-soltu u saru tħejjijiet speċjali għal din l-okkażjoni, għalkemm ilkoll xtaqna li l-affarijiet saru aħjar u saru bi tħejjija aktar twila kieku min hu responsabbli ħaseb xi ftit qabel.

Imma, għaż-żmien li kien hemm sar xogħol kbir, xogħol ħafna minnu li ma jidhirx iżda li huwa tant meħtieġ għas-suċċess tal-festi kemm reliġjużi kif ukoll soċjali. Saru ħafna affarijiet ġodda kemm ġewwa kif ukoll barra mill-knisja u dan bil-ħidma ta' ħafna nies li ma jistax ikun li jissemmew kollha. Aħna nifhmu li min ħadem, ħadem bil-qalb u b'xejn, anzi anke forsi b'telf finanzjarju personali, ħadem għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' pajjiżna u allura l-isbaħ grazzi li jippretendi huwa li jara li l-iskop ta' moħħu intlaħaq.

Huwa fatt li fejn jidħlu ħafna nies bilfors ikun hemm differenzi kbar ta' ideat u bil-fors ikun hemm it-tilwim u kultant il-qiegħa tisħon ukoll. Dawn huma affarijiet li jeħtieġ li jiġu ttrattati kif jiġu trattati affarijiet tal-familja — oġġett, nuqqas ta' ftehim, inkwiet, forsi anke ġlied, imma kollox ta' mument li jgħaddi malajr u terġa' tirrenja l-paċi familjari.

Dak li għandu bżonn pajjiżna hija l-għaqda — l-għaqda tal-forzi kollha tajbin biex ilkoll flimkien niġbdu ħabel wieħed. Aħna min aħna, kleru, għaqdiet, soċjetajiet, każini jew sempliċi individwi, għandna nħossuna familja waħda f'okażjoni bħal din u nippruvaw ilkoll nikkooperaw biex nagħmlu din l-okkażjoni suċċess minn kull naħa: reliġjuża, soċjali u ċivili.

Nafu li dan l-ispirtu iddomina ħafna ma' tul din is-sena għalkemm forsi kien hemm ukoll min ipprova jiġbed wisq lejn l-interessi personali tiegħu jew ta' l-għaqda tiegħu f'xi okkażjonijiet li l-effett tagħhom huwa publiku u jaf jarah kulħadd.

Imma nħosu li dawn kienu żbalji li saru verament iżda li issa għaddew u li għalhekk hemm bżonn jintesew issa li qegħdin fl-aqwa ta' din l-okkażjoni ċentinarja. Issa huwa l-waqt li ninsistu, u l-ġurnal tagħna huwa minn ta' quddiem f'din il-ħaġa, fuq l-għaqda bejnietna u nikkoperaw mhux bil-kliem iżda bil-fatti biex noħorġu ta' rġiel quddiem min huwa barrani u ngħollu dejjem iżjed il-ġieh u l-prestiġju li minn dejjem gawda pajjiżna — L-IMSIDA.

---

# PROGRAMM

## TAL-FESTI ĊENTINARJI

### FTUĦ SOLENNI TAL-FESTI

**Il-Ħadd, 9 ta' Lulju:**

9.00 a.m. Marċ minn Scouts' Group. Tlugħ tal-bandiera ta' l-Imsida u tberik. Tinxtegħel it-Torċa Ċentinarja. Tindaqq fanfarra. Diskors mill-President tal-Kumitat Ċiviku, is-Sur J.M. Cassar Naudi.

10.30 a.m. Quddiesa kantata solenni mill-Wisq Rev. Kappillan.

11.30 a.m. Ħruġ solenni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp minniċċa u kant ta' l-innu popolari. Jiġu sparati xi murtali, rockets u musketterija.

**It-Tnejn, 10 ta' Lulju:**

6.30 p.m. Quddiesa soċjali għat-tfal kollha tal-parroċċa. Taħdita mir-Rev. Dun Ġwann Dimech dwar: "It-tfal fil-ħajja tal-Parroċċa".

**It-Tlieta, 11 ta' Lulju:**

6.30 p.m. Quddiesa soċjali għaż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa. Taħdita mir-Rev. Dun Victor Grech dwar: "X'iridu mill-ħajja iż-żgħażagħ tal-lum".

**L-Erbgħa, 12 ta' Lulju:**

9.30 p.m. Arbor Day. Jitħawlu siġar mit-tfal ta' l-iskejjel tal-parroċċa.

6.30 p.m. Quddiesa soċjali għall-miżżewġin kollha tal-parroċċa. Taħdita mir-Rev. Dun Wistin Azzopardi, S.S.P. dwar: "Il-ġenituri fil-ħajja tal-parroċċa".

**Il-Ħamis, 13 ta' Lulju:**

Ma'tul il-jum: Tqegħid ta' kuruni madwar it-tubru mill-għaqdiet reliġjużi u ċivili ta' l-Imsida.

6.30 p.m. Quddiesa Solenni bil-mużika De Requie għarruħ il-Misidjani mejtin kollha. Jiċċelebra l-Wisq Rev. Kappillan.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Lejla ta' talb u penitenza. Via Sagra fil-beraħ u diskors mill-Wisq Rev. Patri Ġużepp Delia S.J. Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 15 ta' Lulju:**

6.00 p.m. Transulazzjoni Pontifikali tar-relikwa mill-knisja tal-Kunċizzjoni għall-knisja Parrokkjali, Għasar Solenni bil-mużika, Kompieta, Litanija, Salve u Trina Benedizzjoni. Jiffunzjoni l-Eċċ. Tiegħu Mons. Emm. Galea, Isqof titulari u Vigarju Ġenerali, assistit mir-Rev.mu Kapitlu tal-Belt Cospicua.

8.00 p.m. Programm fi Triq il-Wied mill-banda tal-Malta Drydocks taħt it-tmexxija tas-Surmast H. Dalli A.Mus L.C.M., bil-permess ġentili tal-Management. Sparar ta' nar ta' l-ajru waqt it-Transulazzjoni.

**Il-Ħadd, 16 ta' Lulju:**

9.00 a.m. L-ewwel Quddiesa solenni ta' Dun Alferio Caruana O.S.B.

7.00 p.m. Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-Presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi. Kxif u tberik tal-lapida kommemorattiva. Jieħu sehem il-kor u l-orkestra "Jesus of Nazareth" taħt it-tmexxija ta' Patri Salv. Galea O.P.

8.30 p.m. Marċ mill-banda "Sant Elena' ta' Birkirkara mixxatt ta' Ta Xbiex, Triq il-Kunċizzjoni u Trieq il-Wied.

3.00 p.m. "Aquatic Gala" fil-Lido, ta' Xbiex, organizzat mill-M.P.F.A. (Msida District)

**It-Tnejn, 17 ta' Lulju:**

5.30 p.m. Għall-morda: Quddiesa soċjali mill-Wisq Rev. Kan. Dun Vinċenz Azzopardi B.D. Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Tingħata tifkira.

**It-Tlieta, 18 ta' Lulju:**

6.30 p.m. Għasar Solenni Prelatizju, Priedka mill-Wisq Rev. Patri Konsilju Mallia O.E.S.A., pirjol, Kurunella, Innu, Antifona u barka Sagramentali. Jiffunzjona l-Wisq. Rev. Patri Provinċjal ta' l-Agostinjani assistit mill-Komunita' tiegħu ta' Gwardamangia.

8.00 p.m. Marċ mill-banda tal-"1st Battalion Loyal Regiment (N.L.)" li jgħaddi minn Triq Testaferrata, Triq Mons. Dandria, Triq il-Knisja, Triq Ġakkinu Navarro, ix-xatt ta' Xbiex. "Beating the Retreat" quddiem il-knisja Parrokkjali mill-istess riġment li jieħu sehem bil-permess ġentili ta' l-Uffiċjal Kmandant.

**(Jissokta fil-paġna 2)**

# "L-IMSIDA"

**LEHEN IL-PARROĊĊA**

Editur: Is-Sur Joe Friggieri, No. 5 Mons. Andria Str., Msida Tel.: 32992

*Abbonament għal sena*: Malta 2/6; Barra 4/-.

Stampat fl-"Empire Press" — Furjana.


NUMRU SPEĊJALI

## PROGRAMM

(Jissokta mill-paġna 1)

**L-Erbgħa, 19 ta' Lulju:**

8.00 a.m. Quddiesa kantata solenni mill-Kommunita' Agostinjana.

6.30 p.m. Għasar Solenni Prelatizju, Priedka mill-Wisq Rev. Patri Klement Abela O.P., surmast tan-novizzi, Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Jiffunzjona l-Wisq Rev. Patri Provinċjal tad-Dumnikani assistit mill-Komunita' tiegħu ta' Guardamangia.

8.00 p.m. Orkestra fi Triq il-Wied.

8.15 p.m. Programm fuq iz-zuntier mill-Banda ta' l-R.M.A. Bil-permess ġentili ta' l-Uffiċjal Kmandant.

**Il-Ħamis, 20 ta' Lulju:**

8.00 a.m.Kantata solenni mil-Komunita' Dumnikana.

6.30 p.m. Għasar Solenni, priedka mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Ġużepp Dalmas, Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Jiffunzjona l-Ill.mu u Rev.mu Mons. Prof. Arturo Bonnici D.D., B.L.Can., B.A., H.E.L., assistit mill-Kleru tal-parroċċa.

8.00 p.m. Marċ mil-banda "Duke of Connaught's Own" ta' Birkirkara, bl-istatwa tal-Papa Piju IX, li jgħaddi minn Triq il-Kunċizjzoni, Triq l-Wied, Pjazza Palma, Triq D'Argens, Triq il-Knisja, Triq Mons. D'Andria, ix-xatt ta' Xbiex u jispiċċa quddiem il-knisja Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju:**

8.00 a.m. Quddiesa Kantata solenni mill-Kleru tal-Parroċċa.

6.00 p.m. Wasla ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi, Amministratur Apostoliku ta' Għawdex. Diskors ta' merħba. Quddiesa Pontifikali bil-mużika. Espożizzjoni, Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qlub ta' Ġesu' u ta' Marija. Trina Benedizzjoni. L-Eċċ. Tiegħu jkun assistit mir-Rev.mu Kapitlu tal-Belt Cospicua.

8.00 p.m. Preżentazzjoni ta' Bandalora Kommemorattiva lis-soċjeta' "Melita" quddiem il-każin. Tberik mill-Wisq. Rev. Kappillan. Daqq ta' l-Innu.

8.20 p.m. Marċ mill-banda Melita li jibda minn quddiem il-knisja Parrokkjali u jgħaddi mix-xatt Ta' Xbiex, Triq Antonio Sciortino, Triq il-Knisja, Triq Antonio Bosio, Triq il-Ġdida, Triq d'Argens, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Wied u jispiċċa quddiem il-każin.

**Is-Sibt, 22 ta' Lulju:**

8.00 a.m. Quddiesa solenni Pontifikali.

11.00 a.m. Dawra turistika ma' postijiet ta' interess fl-Imsida, organizzata mill-Kunsill Kattoliku għat-turisti, flimkien mal-Kumitat Ċiviku.

6.15 p.m.Għasar Pontifikali, kompieta, u Trina Benedizzjoni. Ma' tul dan il-jum, jiffunzjona l-Eċċ. Tiegħu Mons. Emm. Gerada, Isqof Awżiljarju, assistit mir-Rev.mu Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.

6.45 p.m. Marċ mill-banda "Melita" li jibda minn quddiem is-Santwarju ta' Loretu u jgħaddi minn Triq Bordin, Triq Qrajten, ix-xatt ta' l-Imsida u Pjazza Palma.

8.00 p.m. Orkestra fi Triq il-Wied.

8.15. p.m. Quddiem il-każin "Melita" Innu lil San Ġużepp, Preżentazzjoni ta' Bandalora mill-Misidjani ta' l-Awstralja, lis-Soċjeta' "Melita".

9.00 p.m. Programm vokali u strumentali. Jieħdu sehem il-banda "Melita" taħt it-tmexxija tas-surmast Philip Gatt F.L.C.M., L.K.C.M., flimkien mal-Kor tal-Hamrun u solisti, taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Cachia.

10.00 p.m. Logħob tan-nar kbir fl-ajru.

10.30 p.m. Logħob tan-nar kbir fl-art, maħdum mid-dilettanti tal-Każin San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ. Kaxxa nfernali tal-kulur.

### GĦELUQ SOLENNI TAL-FESTI

**Il-Ħadd, 23 ta' Lulju:**

5.00 a.m. Quddiesa parrokkjali mill-Wisq Rev. Kappillan.

7.00 a.m. Quddiesa letta bit-Tqarbina Ġenerali mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof. Emm. Galea.

8.45 a.m. Wasla ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Michael Gonzi. Kant ta' terza u quddiesa pontifikali. Paniġierku mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Galea. Te Deum Solenni.
Wara l-quddiesa pontifikali, Mons. Arċisqof ikun milqugħ fil-każin tal-banda "Melita".

5.30 p.m. Għasar Pontifikali, Purċissjoni, Antifona u Trina Benedizzjoni. Jiffunzjona l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emm. Gerada.
Ma' tul dan il-jum, jifunzjona r-Rev.mu kapitlu ta' Sant'Elena, Birkirkara.
Il-mużika tkun taħt it-tmexxija ta' Mro. Giuseppe Camilleri.
Il-quddiesa pontifikali tkun imxandra fuq ir-Rediffusion.

5.00 p.m. Tibda l-popolari ġostra.

5.00 p.m. Marċ mill-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa li jibda minn ħdejn in-niċċa tad-Duluri u jgħaddi minn Triq Qrajten, Triq Bordin, Triq il-Baċir, Triq San Ġużepp. Wara, programm fi Pjazza Palma.

5.00 p.m.Marċ mill-banda "St. Elena" ta' Birkirkara li jgħaddi minn Triq il-Kunċizzjoni kollha u Triq il-Wied kollha.
Il-purċissjoni tkun akkumpanjata, mill-ħruġ sa pjazza Palma, mill-banda "De Rohan" ta' Ħaż-Żebbuġ u minn Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Wied mill-banda "St. Elena" ta' Birkirkara.

7.30 p.m. Programm mill-banda "De Rohan" ta' Ħaż-Żebbuġ ħdejn il-Knisja Parrokkjali.

Ma' tul il-ġimgħa tal-festi, kuljum jiġu sparati murtali, rockets, u musketterija.

Waqt il-proċessjoni, barra l-musketterija, jiġu sparati 4 kaxxi nfernali tal-kulur u logħob tan-nar kbir fl-ajru.


Għand tax-

**SCHAUB LORENZ**

*issibu t-23, 25, 27 u 45 inch Television bi prezzijiet sensazzjonali*

**NORTHERN T.V. and RADIO SERVICE**

**TESTAFERRATA STREET**

**MSIDA**

Tel. No. 33531

# GĦALIKOM TFAL

"Mary, nhar it-Tnejn l-10 ta' Lulju ma mmorrux il-baħar, taf!!

"Għaliex, Jane, daqs kemm nieħdu gost kull nhar ta' Tnejn il-baħar?"

"Hi, ara għaliex! nhar it-Tnejn għandna l-laqgħa taċ-Ċentinarju għat-tfal kollha fis-6.30 ta' filgħaxija".

"Bil-ħaqq! Għandek raġun, Jane — kif kont insejt! Jien ukoll irrid immur, żgur li ma nitlifhiex!"

Nispera, tfal, li minnkom hawn ħafna bħal Jane u ftit bħal Mary li nsiet din il-laqgħa.

U mhux din il-laqgħa biss, tafux, imma qis li tieħdu sehem fil-festi kollha li se jsiru. Intom li għadkom żgħar għad tikbru u tibqgħu tiftakru u ma tinsew qatt u tirrakkuntaw lil ta' warajkom x'sar fil-festi ta' l-Ewwel Ċentinarju ta' l-Imsida.

Tfal li jħobbu lil pajjiżhom żgur li jagħmlu ħilithom kollha biex jieħdu sehem kbir f'ħaġa bħal din u intom it-tfal tistgħu tgħinu wkoll. Jekk tersqu lejn dawn li organizzaw il-festi, isibulkom x'tagħmlu żgur.

Il-Kumitat tassew li ma nsikomx lilkom it-tfal. Tant hu hekk li ħaseb ukoll biex jorganizzalkom "Jum is-Sigar" biex intom, immexxijin mit-teachers tagħkom, tħawwlu xi siġar biex issebbħu lil beltna u fl-istess ħin titgħallmu tibżgħu għall-ħdura, fjuri u siġar li għandna fl-Imsida. Mhux unur tagħkom li tagħmlu xi ħsara lill-pjanti ta' fuq l-irdum għax it-tfal slavag u bla edukazzjoni jagħmlu, kif ġie li rajt jien stess, ħsara lis-siġar f'post bħal dak. Insebbħu lil beltna u mhux inkissru dak li diġà għandna.

Ċaw tfal u ngawdu flimkien dawn il-jiem ta' festa!

Il-Bambin iberikom.

DUN ĠUŻEPP

**L-ISTORJA TAL-LUM: IL-ĦOBŻA Ċ-ĊKEJKNA**

F'pajjiż 'il bogħod, darba waqa' ġuħ kbir u wieħed sinjur ta' qalb tajba stieden lil 20 tifel u tifla fost l-iktar fqar tal-belt tiegħu u għamillhom ikla. Wara, uriehom basket bil-ħobż u qallhom: "Hemm issibu ħobża żgħira kull wieħed: ħuduha u morru d-dar u għada nerġa' nsejjħilkom".

It-tfal intefgħu b'ġirja waħda fuq dak il-basket u bdew jiġġieldu għax kulħadd ried l-ikbar ħobża u telqu lejn darhom mingħajr ma qalu biss grazzi lil dak is-Sinjur ta' qalb tajba.

Iżda Frances, tifla ċkejkna liebsa fqira imma nadifa, ħallithom jagħżlu u meta spiċċaw, ħadet l-iżgħar ħobża li kien baqa', bieset id dak is-sinjur fil-waqt li minn taħt l-ilsien qaltlu "grazzi," u telqet ferħana lejn id-dar.

L-għada, reġa' ġara l-istess u Frances bħas-soltu messa l-iżgħar ħobża. Iżda, meta waslet id-dar, ommha qasmet dik il-ħobża ċkejkna u, b'għaġeb kbir tagħhom it-tnejn, minnha waqgħu xi flus tad-deheb.

Dik l-omm mistagħġba qalet lil bintha: "Frances, aħjar tmur tgħidlu lil dak is-sinjur x'sibna għax żgur li dan xi żball." U Frances, bil-qalb it-tajba, reġgħet marret.

Malli s-sinjur lemaħ lil dik it-tifla ċkejkna, tbissimilha u, fil-waqt li b'idu beda jmelles ix-xagħar safrani tagħha, qalilha: "Le, le, ċkejkna tiegħi: dak mhuwiex żball — dak għamiltu apposta biex nuri lil dawk it-tfal li min hu lest jibqa' l-aħħar u jċedi lill-oħrajn flok jiġġieled għal sehmu, ikollu premju ferm ikbar minn ħobża ċkejkna."

U minn dak il-mument, is-sinjur baqa' jħobb lil Frances daqs kieku kienet bintu stess.

★

**ĊAJTIET**

Wieħed sinjur qabbad lisseftura biex tfarfar l-ilbiesi li kellu fil-gwardarobba. Wara xi siegħa, staqsiha kemm kienet lestiet u hi: "Meta nlesti din u tlieta oħra, inkun lestejn erbgħa, sinjur."

* * *

Fil-Qorti:

Il-maġistrat lir-raġel u martu: "Ma jmisskomx tistħu tiġġieldu? Ara, irrid naf x'kien hemm bejnietkom waqt il-ġlieda."

"Xejn sinjur," wieġeb pront ir-raġel, "erba' platti, żewġ tazzi u taġen biss waddbitli l-mara dik in-nhar."

* * *

Il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel huma kontra l-kunjata għax, jgħidulek, "tindaħal fejn ma jesaħħiex."

"Dan żgur li ma jesaħħiex," qal wieħed — "jiena u l-mara noqogħdu f'kamra waħda u għandna ħamest it-fal u issa l-kunjata trid tiġi toqgħod magħna."

If you want to reap a good selected crop of vegetables sow American and Danish seed of extra quality and see the result.

Obtainable in a big range from the first floor of the

**WEMBLEY STORE**

Kingsway, Valletta.

Phone: 25148 - 26631

**SHELL FILLING STATION**

(Prop. J. Pace & Sons)

**MENQA SQUARE - MSIDA**

Telephone: Sliema 2745






**SAVOY GARAGE**

(Props. J. Pace & Sons)

*Private Buses,*
*Cars and Volkswagens*
*for Hire Service*
*at Moderate Prices.*

**246-250, D'ARGENS ROAD GZIRA**

**and**

**SLIEMA ROAD, GZIRA**

(opposite Marshall Court)

**Phone: Sliema 31332**

DAY AND NIGHT SERVICE

# OPRI ĠODDA

**Il-lum irridu nagħtu titwila lejn dawk l-opri kollha li saru ġodda kemm fil-knisja, barra u wkoll dawk minn għaqdiet oħra. Irridu nibdew l-ewwelnett mill-knisja parrokkjali iċ-ċentru ta' dawn il-Festi Ċentinarji.**







Fil-knisja parrokkjali qegħdin naraw u nammiraw diversi opri sbieħ li ingħataw minn diversi benefatturi u li nitkelmu fuqhom 'il quddiem. L-ewwel opra li ser tispikka hija l-induratura taċ-ċinta kollha tal-knisja, ir-ringrazzjamenti tagħna jmorru l-ewwelnett lis-Sur Salvatore Azzopardi li għal snin sħaħ issagrifika l-ħin kollu tiegħu u skultura dak li qegħdin naraw indurat il-lum. Lit-Triunverat qalbieni, i.e. Dun Anton Abela, is-Sur Joseph Cachia, u s-Sur Leli Zerafa, għax-xogħol bla waqfien ta' żebgħa u preparazzjonijiet oħra li teħtieġ l-induratura, u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-għajnuna tagħhom biex titlesta din l-opra. Sejrin jiżżanżnu ukoll sett ta' linef tal-kristall li ġew mogħtija minn diversi benefatturi li ma jridux juru isimhom, għall-korsija tal-knisja, sett ta' sitt kandlieri għat-torċetti, u qanpiena tal-fidda, kif ukoll sett gastri tal-metall għall-fjuretti ta' l-artal tal-Kurċifiss.

Il-Kumitat festi Ċentinarji xtaq li jagħmel tifkira denja ta' dawn il-festi Ċentinarji billi ried li ssir lapida kommemorattiva li tibqa' tfakkar din l-okkażjoni. Din ukoll ingħatat minn benefattur u ser titpoġġa fuq il-fonti ta' l-Ilma Mbierek fuq in-naħa tal-lemin.

Imbagħad għal barra saru wkoll diversi opri sbieħ biex jibqgħu tifkira ta' l-ewwel ċentinarju tal-parroċċa. L-ewwelnett insemmu li bil-ħidma tal-dilettanti saru dwan l-opri sbieħ. Id-dilettanti tan-naħa ta' barra, ser iżanżnu statwa tal-Papa Piju IX flimkien ma' pedestall għalih, rinovament kbir fl-istatwi kollha u għall-ewwel darba ser naraw fit-toroq tagħna statwa ħelwa tas-Sagra Familja. Rinovament fl-armar kollu li kien jinkludi wkoll żebgħa mill-ġdid, kif ukoll tliet settijiet ta' pavaljuni li ser iżejnu it-toroq ta' Antonio Bosio Street, New Street, Parish Street, Mons. Falzon Street, kif ukoll 5 pavaljuni ġodda għal Rue D'Argens. Ta' min jinnota li l-pavaljuni ta' Antonio Bosio Street huma mirquma bil-pittura xogħol delikat magħmul mis-Sur Robert Naudi.

Id-dilettanti tan-naħa ta' ġewwa wkoll sejrin iżanżnu diversi opri sbieħ fost dawn l-ewwelnett insibu bidla kbira fl-istatwa u l-pedestall ta' Malta. Saru erba' statwi ta' Granmastri li ħakmu lil Malta fi żmenijiet differenti, dawn huma La Vallette, L'Isle Adam, Zondadari, Vilhena. Dawn ser jitpoġġew fuq erba' pedestalli

(Ikompli fil-paġna 5)





# IL-BUDGET FIL-FAMILJA (1)

D. DARMANIN A.C.B.I. F.R.Econ.S.

**F'April ta' kull sena l-Gvern jagħmel dak li jgħidulu 'Budget' għas-sena finanzjarja. Dan ifisser illi l-Gvern iqis kemm flus jaħseb li se jdaħħal matul is-sena u b'liema mod se jintnefqu. Kull nefqa li ssir matul l-istess sena tkun imdaħħla fil-'Budget'. Bi tħejjija bħal din, il-Gvern ikun jista' jkun jaf jekk id-dħul tal-flus ilaħħaqx ma' l-infieq kollu tul is-sena. Ikun jaf lira b'lira f'hiex se jintnefqu l-flus. B'hekk ma jasalx żmien li l-Gvern jonfoq aktar milli jmissu.**




**TQASSIM TA' IMPIEGI F'MALTA**

**Pagi tal-Gvern £8.1 M**
**Pagi tas-Servizzi £6.3 M**
**Pagi ta' l-Industrija £11.6 M**
**Dħul Totali £48.8 M**
**Ħaddiema 88,120**
**Dħul ikkalkulat fuq kull persuna £3 fil-ġimgħa.**

Dan l-istess 'Budget' jista' jsir fil-familja, u jiena nħoss li mingħajru tkun qed tipperikola li tidħol fi problema finanzjarji bla ma tintebaħ.

F'dawn l-artikoli se niddiskutu kif għandu jsir il-'Budget' fil-familja jew fi kliem ieħor kif isir it-tqassim ta' flus fil-familja.

Għandna nifhmu li l-infiq jiddependi mid-dħul tal-flus u ħaġa ħafifa u ċara hi li anqas ma jkun id-dħul anqas għandu jkun l-infieq. Għalhekk fl-artikolu tal-lum se nistudjaw id-dħul tal-flus.

Qliegħ il-flus jista' jiġi minn żewġ bnadi: 1) mix-xogħol li nagħtu lil ħaddieħor; 2) mir-renti ta' proprjetà jew kapital li għandna.

## IL-PAGI

Il-pagi jiġi mix-xogħol u mis-servizz li nagħtu lil ħaddieħor. Fl-istampa ta' fuq naraw kif l-impiegi huma mqassmin ħawn Malta u d-dħul totali f'kull settur. Naraw li l-aktar nies huma impjegati fl-industrija Privata u li d-dħul totali f'dan il-qasam hu ta' £11,600,000 fis-sena. Dan ifisser li bejn wieħed u ieħor id-dħul ta' kull impjegat fl-industrija hu ta' £11 fil-ġimgħa, filwaqt li ta' impjegat tal-Gvern £8 fil-ġimgħa u tas-servizz £12 fil-ġimgħa.

Għalhekk aħna sabiex naħdmu l-Budget tal-familja se nieħdu każ wieħed — dak ta' £9 paga fil-ġimgħa.

Din hija paga ta' raġel u magħha jista' jkun hemm qliegħ ieħor. Membri oħra tal-familja jistgħu jkunu jaħdmu wkoll u l-qliegħ jiżdied ma' dak tal-kap tal-familja. Dħul bħal dan jgħolli l-qliegħ u jsolvi ħafna mill-problemi. Imma meta jkun każ hekk, il-familja tkun waslet fiż-żmien meta l-problema finanzjarja tkun kważi fieqet għal kollox, u wieħed ikun jista' jdur dawra madwaru sew.

## RENTI U IMGĦAX

It-tieni mezz tad-dħul tal-flus hu mir-renti ta' proprjeta' u imgħaxijiet ta' flus investiti.

Hu stmat li l-poplu Malti idaħħal mhux inqas minn £6,000,000 renti u imgħaxijiet kull sena minn bini u kapital ieħor. Dan ifisser kull persuna għandha £20 renti fis-sena.

Imma dawn ir-renti m'humiex imqasmin egwali, anzi bi żbilanċ kbir. Għalhekk id-dħul minn dawn iż-żewġ fatturi nistudjawhom aktar 'il quddiem u nqisu li min għandu r-renti jew imgħax ma jonfoqhomx għall-ħajja iżda jkompli jinvestihom.

S'issa ħlief figuri ma semmejniex. Imma b'hekk nistgħu naraw aħjar il-qagħda tagħna min-naħa ta' kif naqilgħu l-flus. Nafu li min jaqla' anqas mnin disgħa liri fil-ġimgħa huwa taħt l-'average', filwaqt li min jaqla' aktar huwa 'l fuq mill-'average'. Minn dan jiddependi kif ngħixu fis-soċjeta'.

Tkun aktar iebsa l-problema tal-flus għal min qiegħed taħt l-'average' speċjalment jekk il-familja tkun kbira. Għaliex jekk wieħed għandu disgħa liri paga fil-ġimgħa u jinsabu tnejn minn nies jew tlieta ma jsibx diffikulta daqs wieħed li jaqla' l-istess paġa u għandu familja ta' sitta jew seba' persuni. Dawn il-problemi se niddsikutuhom f'ħarġa oħra fejn nistudjaw sew l-infieq tal-flus.

(Figuri miġbura mill-aħħar rapporti ta' l-istatistika).

**Qliegħ totali mill-pagi f'Malta £48,800,000; Nies jaħdmu 88,120; Dħul ikkalkolat fuq kull persuna £3 fil-ġimgħa.**

---

*(Ikompli mill-paġna 4)*
ġodda inżejnin b'xogħol talpasta u ser jitqegħdu ma' l-istatwa ta' Malta.

Ser jiżżanżnu wkoll sett ta' bandalori fuq linji moderni imħalltin b'linja x'aktarx antika, kif ukoll żewġ pavaljuni għal triq il-wied. Dan kien dovut għax-xogħol kbir matul is-sena li d-dilettanti Misidjani kollha offrew mingħajr ħlas. Opra sabiħa oħra sejra tkun il-bandalora kemmomorattiva li sejjer iżanżan il-Każin tal-Banda Melita. Din inġabret minn fost il-misidjani kollha u sejra tiġi ppreżentata lill-każin nhar il-ġimgħa 20 ta' Lulju. Rigal ieħor lill-istess banda ser jasal lill-Każin tal-Maltin Misidjani ta' l-Awstralja. Dawn sejrin jirregalaw bandalora oħra miġbura minn dawn l-emigranti għall-banda ta' pajjiżhom.

* * *

Il-Kumitat Ċiviku ukoll għalkemm nieqes mill finanzi sejjer iżanżan Bandiera kbira ta' l-Imsida li matul il-jiem tad-9 ta' Lulju sat-23, sejra tittajjar fil-bidu ta' St. Joseph Drive. Din il-bandiera ġiet ġentilment magymula mis-Sur Ġorġ Panzavecchia. Lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor konnessi ma' dawn l-opri kollha f'isem il-Misidjani kollha nirringrazzjawhom tax-xogħol u ħidma tagħhom matul din is-sena. J'Alla dejjem magħqudin flimkien kif aħna, naħdmu id f'id u s-sena 1967 tbiqa' miktuba b'ittri tad-deheb fl-annali tal-parroċċa.

**Il-Kummissjoni tad-Dilettanti tan-Naħa ta' Barra tixtieq tirringrazzja pubblikament lis-**

**SUR RENO CIANTAR**

**ELECTRICAL CONTRACTOR**

**talli mingħajr ħlas xogħel is-siġar għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju.**

Electrician & Plumber
Domestic Installations, Including Hotels, Villas, Clubs, and all kinds of Premises.
Temporary Lighting
Gas and Central Heating Installations and three Phase System

**RENO CIANTAR**

**(CONTRACTOR)**

29, GRACE STR.
ŻEBBUĠ — MALTA
Tel. Cent. 21220/20754

# L-IMSIDA IL-BIERAĦ U L-LUM

Minn LINO BARTOLO

**Ikun waqt tajjeb li l-lum nagħtu ħarsa jew titwila lejn l-iżvilupp kbir li sar f'dan il-pajjiż u għalhekk inħarsu lejn l-Imsida il-bieraħ u l-lum. Tkun ħaġa sabiħa li niftakru u nfakkru okkażjonijiet importanti fil-ħajja soċjali u reliġjuża ta' din il-parroċċa. Il-lum ma aħniex ser nitkellmu biss fuq l-istorja tal-knejjes jew ta' postijiet ta' interess fl-Imsida imma billi insemmuhom b'isimhom nuru l-importanza li qiegħda tingħata lil dan il-pajjiż, f'dawn iż-żmenijiet ta' era u ħajja ġdida. L-Imsida kibret malajr u verament kien jixirqilha l-motto mogħti lilha ta' "Novissima Surgo" jew bil-Malti Ġdida Tielgħa. Kull min iħares madwaru jista' jilmaħ il-ġmiel tad-dinja moderna jżejjen u jdawwar dan il-post b'kull xorta ta' ħidma li qiegħda kull ma tmur tkabbarha.**



(Bil-kortesija tal-B.P.C./Progress Press)

## IL-PARROCCA TAL-BIERAĦ

Wieħed bħal-lum jiftakar fl-imgħoddi. Fiż-żmien meta ħafna affarijiet u istituzzjonijiet importanti fil-ħajja soċjali ma kenux jeżistu dawn il-lum insibuhom mibdija fl-Imsida. Illum il-ġurnata ssib ftit triqat iktar imħaddma mit-toroq li jduru mal-pjazza ta' l-Imsida minn fejn eluf ta' karrozzi u nġenji oħra jgħaddu ta' kuljum lejn tas-Sliema u San Ġiljan. Għalkemm il-mixja tal-progress resqet bil-mod ħafna lejn l-Imsida u dak li kien post tas-sajjieda bil-mod il-mod sar illum post magħruf u parroċċa kbira kif nafuha aħna. Ħafna mill-istoriċi antiki tagħna jsemmu dan id-distrett li kien jikkonsisti fi ftit djar madwar knisja antika u qadima. U la qegħdin nitkellmu fuq din il-knisja wieħed jista' jsemmi li l-knisja tal-Kunċizzjoni aktarx kienet bejn l-ewwel u t-tielet seklu Sinagoga tal-Lhud.

Dawn kienu jgħixu f'din il-gżira u billi l-Imsida tinsab fl-iktar daħla kennija tal-port ta' Marsamxett li bil-Lhudi jfisser port tax-xitwa, hemm probabbilta' li l-Imsida kien wieħed mill-postijiet fejn dawn kienu jgħixu. Ħaġa żgura hija li l-pjanta tal-knisja tal-Kunċizzjoni taqbel kważi perfettament ma' dik li tinsab fis-Sinagoga ġewwa Caphnahum. Tajjeb li wieħed jiftakar li l-preżenza ta' l-ilma li kien jinsab fil-wied ta' l-Imsida u li kien nieqes minn bnadi oħra f'Malta ġiegħel lil dawn in-nies jixtħu l-ankri tagħhom u jgħixu ġewwa l-Imsida.

L-Imsida dari ma kenitx bħal-lum. Ftit jew ħadd ma jiftakar il-menqa b'dik li kien qisha vaska kbira mimlija bl-ilma fejn is-sajjieda kienu jerfgħu d-dgħajjes tagħhom, ftit ukoll jiftakru l-egħlieqi magħrufin b'tal-Ġulglien li kienu fejn tinsab il-knisja parrokkjali tagħna u li dawn kienu tas-Sur Emerson. Imbagħad insibu l-Għajn tal-Ħasselin li tilgħab parti mportanti fl-istorja ta' l-Imsida.

Din kienet parti mill-iżvilupp u l-ħajja ta' l-Imsida għaliex ħafna kienu n-nies li kienu jiġu jaħslu ħwejjiġhom hemmhekk fejn il-Kavallier Guttemberg kien bena ir-residenza tiegħu u ħass il-ħtieġa li jibni dak li jidher illum fuq in-nixxiegħa li kienet teżisti. Fl-ewwel tarġa' lejn il-kobor ta' l-Imsida kienet il-popolarita' li kienet magħrufa għaliha il-bajja tal-post li kienet imfittxija ħafna għall-għawm.



Sas-sena 1920 il-karrozzi kienu rari u għalhekk l-uniku mezz ta' trasport kien il-karrozzin. Kien hemm żmien meta saru attentati biex issir lanċa bejn Marsamxett u l-Imsida imma ġara li din l-avventura inbdiet imma falliet ftit wara. Sa dan iż-żmien il-popolazzjoni kienet dejjem tikber u nsibu li l-Eċċ. Tiegħu Mons. Gaetano Pace Forno Agostinjan, għamilha parroċċa għaliha billi kienet għadha tagħmel ma' B'Kara.

Insibu wkoll li sa dan iż-żmien tal-Pieta kien jagħmel mal-Furjana imma mbagħad sar jagħmel mal-parroċċa ġdida ta' l-Imsida. Minn statistiċi insibu li l-popolazzjoni tas-sena 1880 kienet madwar 1760 ruħ, fis-sena 1890, 2150 u llum il-popolazzjoni hija madwar l-10,000. Minn hawn jidher ċar il-kobor ta' l-Imsida llum. Il-knisja parrokkjali inbniet fuq disinji tal-perit Andrea Grima ta' Ħal Luqa u tlestiet fis-sena 1892. Benefattur kbir ta' din il-knisja kien Mons. Frangesco Falzon.




Maż-żmien ġiet imżejna b'mod dijituż kif jidher illum u ħafna għadhom jiftakru il-faċċata tal-knisja b'kampnar wieħed sakemm ġie mibni u skulturat minn wieħed Grieg. Ħafna forsi jmaqdru l-arloġġ tal-knisja tagħna għalkemm żmienu għamlu imma wieħed irid jiftakar li dak huwa oġġett storiku u sabiħ, waqt li fih jinsab mekkaniżmu uniku. Dan l-istess arloġġ kien tal-Kattidral Metropolitan ta' l-Imdina u nħadem mis-Sur Tanti, u jaf il-mijiet tas-snin. Fl-aħħar tas-seklu l-ieħor avventura kummerċjali ġiet imwaqqfa fl-Imsida. Dan kien il-Floating Dock li għal xi żmien kien irreklamat bħala l-uniku fil-mediterran għaliex huwa kien jerfa' 3,000 tunnellata, refgħa kbira għal dak iż-żmien.

Insibu mbagħad u għadna naraw il-bini tagħha it-twaqqif ta' fabbrika tas-siġġijiet, imma ftit rat suċċess. Il-gwerra lagħbet ukoll parti kbira fl-istorja ta' l-Imsida u l-ewwel bombi ta' l-għadu inxteħtu f'dan il-lokal. Żmien ilu il-baħar kien jibqa' dieħel 'il ġewwa ħafna min kif inhuwa llum u n-nies ta' l-Imsida kienu jaqsmu minn fuq pontijiet ta' l-injam magħmulin għal ta' l-apposta. Ħafna mill-art ġiet mirbuħa f'dan il-lokal panoramiku. It-triq ta' quddiem il-knisja bil-playing field tat-tfal saret bl-irdim tal-gwerra, u infatti ħafna minna għadhom sal-lum isejħu l-playing field tat-tfal "l-irdum."

Fl-għolja ta' Gwardamangia kien ukoll jinsab żmien ilu kunvent tal-patrijiet Tereżjani li twaqqa biex floku inbena l-isptar San Luqa. Fl-1838 billi l-Imsida infirxet rat il-bidu tagħha knisja oħra dik tas-sorijiet Orsolini u wara rat il-bidu tagħha il-knisja ta' Fatima ftit 'il bogħod mill-ewwel waħda. Illum l-Imsida tinsab imdawwra b'toroq wesgħin u kbar, imżejnin b'mijiet ta' siġar.

Il-limiti ta' l-Imsida huma magħluqa bi djar ġodda li jgħaxxqu u b'kuluri li jpaxxu l-għajn. Insibu nies kbar anke barranin li kull meta jiġu Malta jagħmlu lill-Imsida r-residenza tagħhom. Fost dawn insibu lil Hookham Frere u lir-Reġina Eliżabbetta li fl-aħħar żjara tagħha kienet toqgħod villa Messina fi G'mangia. L-Imsida tħaddan żewġ ambaxxati dik Taljana u Franċiża.

L-Imsida tal-bieraħ ma tixbaħ xein lil dik tal-lum, id-daħla ta' l-Imsida sa ftit żmien ilu kienet tkun mimlija bil-flota navali ingliża, issa hija mżewqa b'għadd ta' yachts ta' sidien sinjuri li sejrin iżidu l-kummerċ f'dan il-pajjiż. Illum l-Imsida qiegħda tiżviluppa, ukoll, f'dik li hija edukazzjoni, għaliex fiha jinsabu diversi għamliet ta' kulleġġi u skejjel, nibdew mill-kulleġġ ta' l-arti, xjenza u teknoloġija, mill-iskola tan-nurses, l-Universita' Rjali, mill-kulleġġ ta' Santu Wistin, l-iskola ta' Saint Frances, miż-żewġ skejjel primarji, mill-iskola tal-Catering u Mater Dei u fil-qasam ta' l-industrija u tax-xandir u televiżjoni u f'dak li huwa servizz pubbliku bil-preżenza ta' l-isptar San Luqa.

L-Imsida mxiet 'il quddiem u dan kien dovut għax-xogħol ta' ħafna individwi imma wkoll ta' bosta għaqdiet filantropiċi, edukattivi u soċjali li dejjem ħadmu għall-ġid tagħha. Għalkemm



(Bil-kortesija tal-B.P.C./Progress Press)

## IL-PARROCCA TAL-LUM

forsi ma ndumux ma naraw bidliet oħra fil-ġejjieni f'dan il-lokal din it-titwila li għamilna ma' l-Imsida turi l-futur sabiħ li għandu quddiemu dan il-pajjiż panoramiku li jsaħħar lill-barranin u jkabbar lilna l-Misidjani li aħna bir-raġun nissejħu wlied u ħaddiema li nixtiequ il-ġid lil pajjiżna l-Imsida.




## IR-RABTA BEJN IL-BIERAĦ U L-LUM

***Nawguraw mill-Qalb lill-Misidjani kollha l-Festi t-Tajba***

## PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET SOĊJALI U MUŻIKALI MIS-SOĊJETA' TAL-BANDA MELITA FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU TAL-PARROĊĊA TA' L-IMSIDA 15-23 TA' LULJU, 1967

**Il-Ħamis, 20 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Riċeviment lill-Membri tal-Banda fil-każin.

8.00 p.m. Id-Duke of Connaught's Own Band ta' B'Kara, iddoqq marċi ferrieħa mat-toroq prinċipali ta' l-Imsida. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin tal-Banda u jispiċċa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Quddiem il-Każin tal-Banda: Tberik ta' bandalora kommemorattiva mill-Wisq Rev.du Kappillan ta' l-Imsida, Dun A. Pace B.D. Preżentazzjoni tal-Bandalora mill-Perit L.A. Naudi B.E.&A., A.&C.E., f'isem il-benefatturi tagħha. Is-Sur Ġużi Zahra jippreżenta vetrina li huwa rregala lis-Soċjetà għall-istess bandalora. Diskors ta' ringrazzjament mill-President tas-Soċjetà, is-Sur J.M. Cassar Naudi. Jindaqq l-Innu tal-Banda Melita.

8.20 p.m. Il-Banda Melita ddoqq is-soltu marċi brijużi mat-toroq prinċipali ta' l-Imsida. Il-marċ jibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali u jispiċċa quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 22 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Marċ mill-Banda Melita li jibda minn quddiem il-Knisja ta' l-Ursolini u jispiċċa fi pjazza Palma.

8.15 p.m. Fi pjazza Palma: Il-Banda Melita tesegwixxi:— (i) Innu Popolari; (ii) Innu lill-Kbir Patrijarka San Ġużepp.

8.45 p.m. tberik ta' bandalora kommemorattiva mill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. Gerada B.A., D.Litt., J.C.D., Isqof Awżiljarju.

Preżentazzjoni tal-bandalora mis-Sur Paul Barbara, u diskors mis-Sur V. Pisani f'isem il-Misidjani Awstraljani f'Sydney.

Diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur J.M. Cassaı Naudi, President, li wara jippreżenta xi Mementos.

9.05 p.m. Riċeviment fil-każin lis-Sinjuri mistiedna.

**Il-Ħadd, 23 ta' Lulju:**

11.00 a.m. Riċeviment fil-Każin lill-E.T. Mons. Sir M. Gonzi B.Litt., Arċisqof Metropolita.

2.00 p.m. L-Innu lil San Ġużepp u marċijiet jinstemgħu minn fuq ir-Rediffusion.

## JIMMY BOND



Għalkemm diġa għaddew madwar sitt xhur mill-mewt ta' **Jimmy Bond**, it-telfa tiegħu għadha tinħass ġo fostna. Għadna niftakru sewwa s-swied il-qalb li nxtered fl-Imsida meta nxterdet l-aħbar tal-mewt tiegħu. Nistgħu ngħidu li huwa kien bniedem li jieħu pjaċir bil-ġid li kien isir fl-Imsida u niftakar sewwa kemm kien ħa pjaċir meta għall-ewwel darba ra l-ġurnal tagħna "L-Imsida" f'idejh. Kien bniedem li jħobb jimla bil-kuraġġ, u dik id-daħqa f'fommu kienet tnissillek faraġ ta' apprezzament għax-xogħol li tkun wettaqt. Jimmy illum ma għadux magħna għaliex il-Ħallieq ħaseb xorta oħra u sejjaħlu għal ħdejh, iżda l-figura tiegħu għadha friska fil-memorja tagħna li konna nafuh tant mill-qrib. Aħna ma nistgħux ma nitolbux lil dawk kollha li kienu jafuh biex jingħaqdu magħna fi-talb għal ruħu.

ĦABIB.



B'tifkira għażiża ta' **Madalena Musù** f'għeluq is-seba' anniversarju mill-mewt tagħha li ġrat fl-Imsida fl-4 ta' Awissu, 1960. Qatt minsija minn uliedha, neputijiet, bosta qraba u ħbieb. — R.I.P.

## PROGRAMM VOKALI U STRUMENTALI MILL-BANDA MELITA NHAR IS-SIBT, 22 TA' LULJU MIT-8.15 P.M., FI PJAZZA PALMA, TAĦT IT-TMEXXIJA TA' MRO. PHILIP GATT F.L.C.M., A.R.C.M.

Innu tal-Papa; Innu Popolari "San Ġużepp". Innu lill-kbir Patrijarka San Ġużepp ta' Ph. Gatt; Selection: South Pacific ta' R. Rodgers; Coro di Zingarelle e Mattadori minn La Traviata ta' G. Verdi; Marċ Korali: Joyful Day ta' A. Gatt; Innu tal-Banda "Melita" u Innu Malti.

**N.B. Fl-Innu lill-Kbir Patrijarka San Ġużepp jieħdu sehem is-solisti A. Sapiano - Tenur, J. Aloisio - Baritonu flimkien mal-Kor tal-Ħamrun. Fis-Selection: South Pacific, Coro di Zingarelle e Mattadori u fil-Marċ Korali jieħu sehem il-Kor tal-Ħamrun dejjem taħt id-direzzjoni ta' Dun G. Cachia.**

SETT TA' MARĊI ĠODDA

1. Novissima Surgo — Ph. Gatt.
2. Oh! Listen to the Band — A. Gatt.
3. Golden Flowers — L. Bongailas.
4. Blue Horizon — C. Zammit.
5. May Flower — Ph. Gatt.
6. The Brave Bull — J. Mick.
7. Carmen — J. Calleja.
8. Omm Sidna — A. Gatt.
9. Josephine & Barbara — E. Morello.

*IL-FAMUŻA DOLĊERIJA*

**BUSY-BEE**

FL-

**IMSIDA**

TIXTIEQ

**IL-FESTI T-TAJBA**

**LILL-KLIJENTI KOLLHA**

U TISTEDINHOM

*BIEX MATUL DAWN IL-FESTI ĊENTINARJI JASLU WASLA*

U TFAKKAR:

**GHAL KULL XOGHOL TA' HELU TRID ISSERRAH RASEK?**

ORDNA GĦAND IL-

**BUSY-BEE**

L-ISEM HUWA GARANZIJA

# IN-NIES RESPONSABALI GĦALL-FESTI CENTINARJI



MIX-XELLUG GĦAL-LEMIN:

Bil-qiegħda: Sur C. Taliana, Ass. Kaxxier; Sur J. Cassar Naudi, viċi-President; Sur L. Bartolo, Segretarju; W.R. Kappillan u President; Rev. A. Abela, Kaxxier; Sur V. Brockdorf, Ass. Segretarju; Rev. J. Mifsud, Chairman Festi interni.

Bil-wieqfa: Sur J. Spiteri, Sur V. Zammit, Sur D. Darmanin, Sur J. Cachia, Sur J.M. Portelli, Sur V. Sciberras, Perit V. Calleja, Sur J. Sapiano (Membru assenti: V. Camilleri).



### XBIEHA ĠDIDA TAL-KAPPILLAN DUN INNOĊENZ ZAMMIT

Biex il-memorja ta' dan il-bniedem ma titħassarx minn qalbna, f'dawn il-jiem fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali sejra titqiegħed xbieha sabieħa ta' dan il-Kappillan li dam imexxi din il-parroċċa għal madwar 26 sena. Din ix-xbieha nħadmet b'xejn mis-Sinjorina Nellie Cesario li xogħlijiet oħra tagħha jinsabu mxerrdin fil-knisja tagħna. Din ix-xbieha neħħiet vojt kbir li kien ilu jinħass għal żmien twil. Din ser titqiegħed fil-qrib tax-xbiħat l-oħra preżenti li jirrappreżentaw lill-ex-Kappillani li matul dawn il-mitt sena mexxew din il-parroċċa u ħadmu għall-ġid ta' l-Imsida.

### JŻURUNA L-MISIDJANI/AWSTRALJANI

Huwa pjaċir tagħna kbir tagħna llum li qegħdin f'dawn il-ġranet glorjużi fl-istorja ta' l-Imsida nilqgħu lil bosta Misidjani/Awstraljani li ġew iżuruna biex jaqsmu magħna l-ferħ li ġġib magħha din l-okkażjoni. Ma nistgħux ukoll ma napprezzawx il-ġest nobbli li dawn l-istess Emigranti tagħna għamlu lill-Banda Melita. Qiegħed nirreferi għall-Bandalora sabieħa li ġiet miġbura ġo Sydney minn dawn ħutna biex tingħata u tibqa' tifkira lis-Soċjetà Melita. Aħna f'isem il-Misidjani nirringrazzjawhom u nwegħduhom li nibqgħu nfakkruhom, u naħsbu fihom bħal ma ħasbu fina.




MUNDLOS VIGORELLI

L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

Barra l-pont tas-soltu din il-makna tagħmel ukoll:
AĠĠORN SINGLU U DOPPJU — ZIG-ZAG — VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGĦA — REFKI — TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA — CORDING — TWAĦĦIL TA' BUTTUNI — KULL DAQS TA' AĊĊETTI — IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IL-LASTIKU U S-SUF.

Araw dawn il-makni meraviljużi għand:

MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
U FLI STAND TAT-TRADE FAIR
No. E 16

*Postijiet ta' Interess — 7*

# IL-KULLEĠĠ TA' SANTU WISTIN TAL-PIETA'



**Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li mal-mixja kiebja tas-snin, iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qegħdin naraw l-importanza li nibtet fl-Imsida f'dik li hija Edukazzjoni u tassew li post li mitt sena ilu kien jissejjaħ post is-sajjieda il-lum jista' jissejjaħ Sede Edukattiva.**

Dana qiegħed ngħidu għaliex wara li tkellimna f'dawn il-paġni dwar il-kulleġġ ta' l-arti, xjenza u teknoloġija, u dwar l-iskola tan-nurses il-lum sejrin nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn tal-Pietà fuq l-għolja ta' G'Mangia, fejn jinsab il-Kulleġġ ta' Santu Wistin immexxi mill-Patrijiet Agostinjani. Il-Kulleġġ ta' Santu Wistin kellu l-bidu tiegħu bħala skola 119 sena ilu ġewwa l-Belt Valletta. Kien l-istess Isqof li għamel lill-Imsida Parroċċa Fra Getano Pace Forno O.E.S.A. li fetaħ din l-iskola fil-kunvent tiegħu meta kien għadu provinċjal fl-1848. Ħafna professjonisti u nies ta' skola jiftakruha tajjeb għaliex minn f'din l-iskola ħadu l-ewwel tagħlim tagħhom. L-iskola ta' Santu Wistin kienet imfaħħra ħafna mill-Gvernatur M.O. Farrell li ta' spiss kien jibgħat kotba b'xejn għat-tfal. Sir Patrick Keenen fir-Report tiegħu "On Education" semma ħafna lil din l-iskola u rakkomandaha sewwa. Wara l-aħħar gwerra, din l-iskola ġiet mill-ġdid organizzata u l-patrijiet Agostinjani għollewha għal-livell ta' Kulleġġ bl-isem ta' Santu Wistin.

Fl-1945, il-kulleġġ ġie trasferit ġewwa Ħal Tarxien, post akbar u modern, ħafna tfal minn dawk in-naħiet ħadu t-tagħlim tagħhom minn idejn il-patrijiet. Iżda billi n-numru tat-tfal kiber sewwa, mill-ġdid kellhom jittrasferixxu l-kulleġġ għal post ieħor, wara tnax-il sena. Sena ilu f'April 1966, l-Imsida laqgħet lil dan il-Kulleġġ ġewwa tal-Pietà. Il-post fejn qiegħed dan il-kulleġġ jikkonsisti fil-Villa Pietà, Villa Zammit, u Clovelley House fi Gwardamangia Hill. Dawn it-tliet djar qed iservu għalissa bħala skola sakemm jinbena kulleġġ kbir u modern ma jdumx. Id-dħul prniċipali hu mix-xatt tal-Pietà, Borton Lane sewwa sew quddiem il-playing field tat-tfal. Bieb ieħor hu dak tan-niżla ta' G'Mangia.

Biex il-livell tat-tagħlim ikun mill-aħjar il-patrijiet ħasbu biex bosta mill-għalliema tal-kulleġġ jkunu nies li studjaw f'universitajiet kemm lokali kif ukoll barranin. Il-kulleġġ għandu żewġ taqsimiet dik preparatorja li tinkorpora tfal minn std. IV sa std. VI u l-oħra sekondarja li twassal it-tfal għall-eżamijiet tal- G.C.E. kemm t'Oxford kif ukoll ta' Londra. Fost ir-rekreazzjonijiet li għandhom it-tfal insibu l-football, basket ball, u vaulting. Ftit ġimgħat ilu, il-British High Commissioner ta Television set lill-kulleġġ biex it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu għall-istudji tagħhom.

Min iżur il-Kulleġġ ta' Santu Wistin ġewwa tal-Pietà żgur li jibqa impressjonat bil-ġonna sbieħ li jdawwru dan il-post, bil-librerija kbira u sabiħa mimlija bil-kotba ta' valur ta' importanza għat-tfal fl-istudji tagħhom, u bis-sala tal-films fejn darba fix-xahar it-tfal kolha tal-kulleġġ bħall-aħwa jiltaqgħu biex jaraw xi film ta' interess għalihom. Ir-rettur preżenti huwa Patri Ġulju Bonnici Agostinjan, li studja fl-Amerika fl-Università ta' Villanova, P.A. Minn hemm huwa kiseb il-lawrja ta' Master of Arts in Mathematics.

Mal-Kulleġġ tinsab ukoll il-kunvent t a l - Komunità Agostinjana li minn dejjem mexiet il-Kulleġġ. L-eżamijiet tad-dħul jsiru f'Lulju u f'Settembru ta' kull sena. Din kienet ħarsa fuq dan il-post ta' interess. Jiena nisem ir-rettur nistieden lill-qarrejja ta' dan il-ġurnal li ħadu nteress meta qraw dan l-artikolu li jżuruh u jaraw b'għajnejhom il-mod li bih huwa immexxi, mod modern u dixxiplinarju. Jiena flimkien mal-bord ta' din il-gazzetta nixtieq kull suċċess lil dan il-kulleġġ issa iktar minn qabel għaliex issa huwa parti minnha, parti mill-familja u l-ħajja Misidjana.

# AĦBARIJIET U KUMMENTI

## IL-KANAL TA' CONCEPTION STREET

Nafu li diġa' semma' leħnu bil-qawwa il-kumitat Ċiviku tagħna iżda nixtiequ wkoll li nkunu aħna li nsemmu leħinna minn fuq dan il-ġurnal fuq dan il-kanal. Ilna madwar erba' xhur li rajnieh mibdi, iżda sal-lum le mitmum. Dan għaddetriment tas-saħħa ta' bosta sidien li kienu esposti għal żmien twil għal ħafna irwejjaħ u nkonvenjenzi oħra imħabba nuqqas ta' serjeta' f'dan ix-xogħol. U x'ingħidu issa wara li biċċa kbira minnu huwa lest. Ħaseb il-Gvern xi ħaġa biex minn dawk il-ħafna spralli ma tohroġx iktar riħa tinten u riżultat ta' hekk ir-residenti jkollhom isaqqfu wiċċhom ma' kwantita' ta' nemus.

## IL-FESTI SAGRAMENTALI FIL-KNISJA PARROKKJALI

Il-festi sagramentali fil-parroċċa tagħna minn dejjem kienu festi solenni. Pero' jiddispjaċina li ser inkunu aħna li nikkumentaw għaliex irċevejna diversi ilmenti dwar dawn l-istess festi. L-ewwelnett dwar il-festa ta' Corpus Christi, il-proċessjoni ta' filgħodu ma saritx. Fis-snin l-imgħoddija din kienet iddur minn barra mal-kwartier tal-knisja iżda din is-sena dan ma sarx. Li kieku kien hemm xi raġuni, ngħidu paċenzja iżda t-temp kien favorevoli ħafna. It-teini nett dwar il-proċessjoni ta' filgħaxija, nistgħu ngħidu li għalkemm kienet proċessjoni numeruża iżda deher verament nuqqas ta' organizzazzjoni sħiħa. Ħadd ma jaf x'ser jagħmel u fejn ser jimxi. Nixtiequ ngħidu kelma oħra dwar il-ħin. Fl-4.30 p.m. ħin it-Te u mhux ħin li f'xemx tisreġ toħroġ proċessjoni bħal dik. L-istess ħaġa għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Għalkemm daqsxejn aħjar imma l-ħin tard wisq, erġajna għall-estrem, purċissjoni toħroġ fis-7.00 p.m. kważi fid-dlam. Iva għax ma nitgħallmux minn Parroċċi oħra jekk aħna ma nafux norganizzaw. Mur fejn trid u tara jekk proċessjonijiet joħorġux fil-4.30 p.m. jew fis-7.00 p.m.

## DAWL F'G'MANGIA HILL U F'BORDIN STREET LE.

Konna minn dawn il-kolonni tlabna flimkien mal-Kumitat Ċiviku dawl għal G'Mangia Hill u għal Bordin Street, bejn Bordin Lane u Dock Street. Għalkemm fi G'Mangia Hill poġġew tliet bozoz u ta' dan nirringrazzjaw lil min kien responsabbli, iżda mill-banda l-oħra f'Bordin Street, ma sar xejn. Forsi ma hemmx bżonn? Titwila sa din it-triq filħinijiet mudlama ta' filgħaxija malajr turik.

## SENA TA' ĦAJJA U ATTIVITA'

Tkun ħaġa impossibbli li tħalli okkażjoni bħal din tgħaddi mingħajr ma tiġbed riflessjoni.

Wieħed għandu jieħu pjaċir jinnota li numru kbir ta' nies bdew jieħdu interess kbir f'dak li ser isir fil-Parroċċa għall-festi Ċentinarji. Tieħu pjaċir tisma' nies isaqsu fejn ser isiru diversi attivitajiet, iżuru d-dilettanti fl-imħażen tagħhom u jammiraw ix-xogħol sabiħ li huma lestew u li sal-lum jinsab armat fit-toroq tagħna. Tara wħud fil-knisja jammiraw ix-xogħol ta' dawk il-persuni li ddedikaw il-ħin kollu tagħhom matul din is-sena sħiħa biex jaraw riżultat hekk sabiħ. Dan jimlina kuraġġ u nisperaw li la jgħaddu l-festi Ċentinarji jibqa' jirrenja għas-snin li ġejjin dan l-ispirtu ta' ħajja u attivita' fl-Imsida.

## ĦDURA FL-IMSIDA

Kulħadd jaf kemm tidher l-Imsida sabiħa imdawwra minn kullimkien b'mijiet ta' siġar. Nixtiequ nissuġġerixxu ħaġa lill-Misidjani. Tkun ħaġa sabiħa li kull familja li għandha xi tieqa jew gallarija tal-ħadid, tagħmel numru ta' qsari jew pjanti fiha li f'xi żmien jew ieħor tas-sena jagħmlu l-fjuri. Dana biex waqt li tiżdied il-ħdura tal-pjanti, tkompli tinghata dehra isbah lill-Imsida. Diġa' rajna dan għand diversi familji nisperaw li ħaddieħor jitħajjar.

# PAĠNA LETTERARJA

## MHUX HAWN

**(Xogħol qasir għat-teatru ta' l-assurd; parofija ta' l-assurd kollu li r-razza umana tgħammar fih)**

Minn ALBERT MARSHALL

Karattri: Willie u l-Frawlu — żewġ sajjieda xjuħ.

Xena: Il-Moll ta' Ta' Xbiex, il-parti ta' quddiem tagħbija ħut jidher kemm jitħarrek, jisgiċċa minn bejn id-dgħajjes ankrati 'l barra, dejjem riesaq lejn il-moll b'żewġ sajjieda fuqu, kollha ferħana. L-Erbgħa ta' fil-għodu.

Willie u l-Frawlu jgħannu flimkien; filwaqt li jaqdfu:

Aħna l-aqwa tas-sajjieda
qbadna ħut għal darba tnej'
qbadna spat u pixxiplamti
Imm' għall-mara m'għandna xejn.

Jinfexxu jidħqu u jkomplu jkantaw maqsumin bid-daħq:

qbadna mzazen u gandoffli
Imm' għall-mara m'għandna xej'.

Il-Frawlu jitlaq il-moqdief minn idu u jwaħħal għonq ta' flixkun inbid ma' ħalqu, jixrob u jnewwlu lil Willie— Willie jitlaq il-moqdief ukoll: il-luzzu jdur żugraga.

Il-Frawlu jtir lejn il-moqdief tiegħu: "Sijjha, Will, Sijjha......" Willie jarmi l-flixkun vojt il-baħar, jaqdef kif ġie ġie. Il-Frawlu jinstema' minn taħt l-ilsien igerger, igerger.

"Frawl... għandi rixa bajda ttir 'il ġewwa mill-qafas ta' sidri... Frawl... u qed tagħraxli ruħi; u ter......" jlissen Willie. Il-Frawlu pront jaqtagħlu kliemu: "U aqdef, Will, f'ġieħ l-għadu l-iswed..."

Willie jieqaf mill-qdif, jiċċassa lejn il-qabda ħut fil-poppa. "Hemm araha, Frawl ...Frawl (jibki) inħobbha (B'passjoni ta' mħabba safja)... ġej... inħobbok (jitriegħed u jitkaxkar lejn il-poppa) ġej... ġej... ġej!"

Il-Frawlu: "U għaddi 'l hawn, Will. Ejja, aqdef, għax issa sa nisber tafx!"

Willie: "Ġej, ġej (filwaqt li jitkaxkar lejn il-poppa tal-luzzu fejn kien hemm il-munzell tal-ħut — minnha jiġbor sparlu mdaqqas, għadu mimli bil-ħajja...)

I l - Frawlu mgħaddab): "Will, għidtlek, ejja aqdef għax se ttellagħhomli issa..."

Willie: (Jibki filwaqt li jressaq ħalqu lejn l-isparlu u jbusu b'imħabba tal-għaġeb) jitkellem mal-ħuta: "Jien ukoll... immorru... iva ...nieħdok miegħi... jien ukoll... (jitbewwsu) ... inħobbok!"

Tinstema' ħabta qawwija: il-luzzu kien tkaħħal ma' lanċa sitt darbiet daqsu — Il-Frawlu sa dal-ħin kien ġa' mitluf minn sensieh bir-rabja. "Inħobbok... inħobbok" (jitbewwsu l-isparlu u Willie).

### TBIEGĦED MINNI

Ħallini... qiegħed nitolbok
Tkomplix tjassarni f'dan il-hemm
Kif qatt nista' nsib faraġ
Inħoss ħajti trid tintemm

Int garrabtni kemm-il darba
U tebbajtli din ir-ruħ
Imma le, kuraġġ jien nagħmel
Le ma rridx li nkun mirbuħ.

Irrid nibqa' jien nissielet
Sa kemm l-aħħar nifs ta' ħajti
Joħroġ minn ġo d-l-qalb tiegħi
Basta int ma tkunx waqqajtni

Għax jien nibża minn dak Alla
Kreatur ta' kull ħolqien
Li jismagħni u jarani
Għax Hu qiegħed kullimkien.

Mela mur nerġa nitolbok
Għax nixtieq li ngħix fil-kwiet
Irrid nibqa' sieħeb t'Alla
Ħa ngawdieh ġewwa smewwiet.

MSIDA — EMMANUL VELLA

### SIGRIET

Int taf min jiena jien iżda lil wiċċi int ma tafux. Jien nafek u lil wiċċek ukoll.

Int bħali: Ġrejt bil-għax fi triqtek
U ħlomt l-isbaħ żgħożija fi żmien ieħor
Li kien qed jistenniena.

Iżda darba
Ix-xemx inħbiet u swied is-sbaħ. Għajnejna Fettxew għalxejn. Idejna nfirxu sabu Id-dlamijiet. Riġlejna mxew u għaffġu L-għollieq.

Għaliex? Mhux f'għodwa tar-rebbiegħa Taħt xmejxa sħuna bdejna triqtna. Għala Id-dawl intefa' u waqgħet dalma? Għala sibna l-għollieq jekk żrajna l-qamħ?

Il-għala

Għiduli inti. Jiena ma nafux!...

OLIVER FRIGGIERI

**PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET**
**LI L-KUMITAT ĊIVIKU MSIDA/PIETA'**
**SER JORGANIZZA FL-OKKAŻJONI**
**TAL-FESTI ĊENTINARJI**

Il-Ħadd 9 ta' Lulju: Fid-9 a.m. Marċ mill-Boy Scouts ta' B'Kara. Fl-10 a.m. wasla ta' li scouts f'St. Joseph Drive. Diskors mill-president tal-Kumitat Ċiviku is-Sur J.M. Cassar Naudi. Tberik u tlugħ tal-Bandiera, Daqq ta' Fanfarra. Korteo għall-knisja parrokkjali. Fl-10.30 a.m. Quddiesa Solenni.

L-Erbgħa 12 ta' Lulju: Jum it-taħwil tas-siġar mit-tfal ta' l-iskola primarja.

It-Tlieta 18 ta' Lulju: Marċ mil-Loyals Regiment u wara Beat Retreat quddiem il-knisja.

Is-Sibt 21 ta' Lulju: fil-11 a.m. Dawra turistika madwar l-Imsida. It-turisti jiġu mdawwra minn gwidi madwar postijiet ta' interess fl-Imsida.


**SER TIŻBOGH? EJJA GHAND**
**CARSONS PAINT CENTRE**
**MSIDA**




Fejn issib makna unika li tagħtik f'inqas minn minuta kull wieħed 'l fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel. Issib din iż-żebgħa: ...PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha. ŻEBGHA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

**CARSONS PAINTS CENTRE**
**44, Ta' Xbiex Sea Front**
**Msida**
**Tel. 33479**

# SPORTS

Minn

CHARLES CASHA



# SENSIELA TA' SUCCESSI 1963 – 1967

**Oriġinalment, il-football fl-Imsida beda fl-1909, imma minn dak iż-żmien, il-football f'pajjiżna mar lura ħafna, speċjalment meta t-team ta' l-Imsida Wolves kien beda jżarma u fl-istaġun 1954-55, ġie relegated għat-tielet diviżjoni. Minn dak in-nhar it-team ftit li xejn iltaqa' ma' suċċessi anzi mar aktar lura, biex ma ngħidux li miet ukoll.**

### TWELID MILL-ĠDID

Fis-seduta ġenerali annwali tas-sena 1963/64 saret bidla presidenzjali: issur Carmelo Mifsud, wara li kien ilu jokkupa l-post ta' president għal aktar minn sbatax-il sena kellu jċedi postu lis-Sur Alfred Monsigneur f'elezzjoni. Imma din il-mossa ma tantx damet wisq għax l-anqas kien għadu beda l-istaġun li l-kumitat ma intaqax ma' diffikultajiet u l-biċċa kbira minnu irreżenjaw fosthom il-president. Reġgħet saret seduta ġenerali oħra u bħala president ġie elett is-Sur Joseph Friggieri. Dak iż-żmien itteam kien jinsab fl-aħħar jiġifieri fir-Raba' diviżjoni tal-M.F.A. Dak iż-żmien jiena kont Segretarju tal-Club u min kien miegħi preżenti għal din is-seduta Ġenerali jiftakar li sema' lill-president il-ġdid fid-diskors tiegħu jgħid li l-iskop tal-kumitat kien li jinstab post adattat bħala każin u jinbena team tajjeb biex fl-aktar żmien qasir jirbaħ il-promotion mhux għat-tielet diviżjon imma għall-ewwel diviżjoni għax din kienet l-aktar diviżjoni li tixraq lid-distrett tagħna. Kull min kien preżenti qabad jidħaq għal dan id-diskors, u kellhom raġun għax l-anqas kellna players biżżejjed biex nilgħabu firraba' diviżjoni għax il-playesr tas-sena ta' qabel kollha xterdu ma' teamijiet oħra. L-aħwa Betts, Tony u Lewis irreġistraw m a s - Sliema Wanderers, Lewis Marmara il-left wing regolari tat-team ingħaqad mal-Floriana, Alfred Cutajar u Twannie Agius sieħbu lil Hamrun Spartans u Valletta rispettivament. Dawn ma' għadd ta' players oħra Misidjani mxerrdin ma' teamijiet oħra u players li ma kenux jittrenjaw u bdew jerġgħu jittrenjaw kollha għenu aktar 'il quddiem lit-team tas-St. Joseph biex jerġa' jitwieled u biex bil-mod għamlu diskors il-president mhux aktar profezija u diskors bla bażi imma realtà.

Kull ma qal il-president f'dik is-seduta kollox sar u minn dak in-nhar ma għaddhiex staġun li t-team Misidjan ma kienx fost it-teamijiet li kisbu s-suċċessi.

### STAĠUN 1963-1964

F'dan l-istaġun stess (1963/64) it-team Misidjan kien jinsab fir-raba' diviżjoni u bħal ma għedna aktar 'il fuq il-players li l-istaġun ta' qabel taw is-suċċessi litteam tagħna għal xi raġuni jew oħra ma kenux aktar jinsabu magħna. Għall-ewwel logħba tal-league kontra l-Mellieħa, kienu lagħbu ħafna players tal-Minors imma xorta waħda ħriġna rebbiħin u goal ta' Joe Galea tana l-ewwel rebħa. Aktar tard f'dan l-istaġun dawk ilplayers li kienu ħallew litteam Misidjan bdew iħossu n-nuqqas ta' pajjiżhom u l-biċċa l-kbira minnhom reġgħu rritornaw biex jgħinu lit-team jirbaħ il-promotion għat-tielet diviżjoni mingħajr ma jsofri l-ebda telfa u b'total ta' 25 punt minn 28, l-istaġun kien spiċċa hekk: L14. R11. D3. T0. F22. K.2. Punti 25. Fin-K.O. ma tantx morna tajjeb u tlifna 1-0 ma' Balzan Youths fl-ewwel round imma għalkemm ma irbaħniex in-K.O. ir-rebħa tal-league kienet l-ewwel suċċess 1964/65.

### STAĠUN 1964/65

Dan l-istaġun kien kuntrarju għal ta' qablu. Fil-League ma tantx morna tajjeb b'dawn il-figuri: L16. R6. D3. T7. F12. K13. Punti 15. Imma t-team Misidjan, imsaħħaħ b'aktar players mill-istaġun ta' qablu, irnexxielu ikun il-Finalista telliefa fin-K.O. Fil-bidu ta' dan l-istaġun players li kienu jinsabu ma' teamijiet oħra irreġistraw mat-team tagħna; fosthom kellna lli Joe Demarco u Charlie Mizzi u Joe Pace. Lil Charlie Mizzi ma tantx ġawdejnieh għax sospensjoni ta' 3 snin tellfitlu postu imma Joe Demarco u Joe Pace it-tnejn għenu biex itteam Misidjan jitla fil-First Division.

Fis-27 ta' Mejju 1965, ġie miftuħ uffiċċjalment il-każin il-ġdid. Spiċċa dak iż-żmien li l-players kienu jbiddlu f'xi ħanut li kien jiġi misluf għad-dispożizzjoni tat-team. Issa t-team għandu l-każin tiegħu mgħammar bi dressing room kompluta bid-doxxa, bar, kamra għall-membri mgħammra b'logħob differenti u kamra għad-dispożizzjoni tal-kumitat. Il-każin ġie miftuħ mis-sur Eugenio Bonello, president tal-M.F.A., u imbierek mill-W.R. Dun Anton Pace B.D. Kappillan tal-parroċċa. Biex il-festin ta' dik il-ġurnata jkun komplut minn kollox itteam Misidjan għamel rebħa sabiħa ta' 6-0 fuq St. Andrews fil-Quarter Finals tan-K.O. biex għadda għas-Semi Finals. Fl-ewwel round ta' din il-kompetizzjoni itteam Misidjan kien rebaħ liż-Żurrieq 3-1, fis-Semi Finals il-Misidjani kellhom logħba daqsxejn iebsa kontra Balzan Youths, fejn ħarġu rebbieħa 1-0. Is-Sibt 11 ta' Ġunju 1965 is-St. Joseph tilfu l-Final kontra St. Patricks 1-0, b'goal ta' Abela; is-St. Joseph għamlu logħba tajba u kienu żvinturati li tilfu għax huma kellhom il-parti l-kbira tal-logħba.

### STAĠUN 1965/66

Kull ma jgħaddi ż-żmien, l-interess reġa' beda jikber u fit-tielet diviżjoni t-team Misidjan kien issupportjat tajjeb u l-aktar team itella' nies lejn is-Schrieber għallogħbiet tiegħu. Din is-sena t-tielet diviżjoni kienet imqasma fi tliet sections A. B. u C. Biex tinkiseb il-promotion ir-rebbieħa ta' kull sezzjoni kellhom jagħmlu Triangular Turnament fuq bażi ta' żewġ rounds, jiġifieri t-team biex jirbaħ il-promotion ried jilgħab Erbatax-il logħba kompettiva. Is-St. Joseph kienu jinsabu f'-section "B" l-aktar section iebsa fosthom it-tlieta, imma ċan ma qatax qalb il-players Misidjani li għal kwalunkwe kost riedu joħorġu bl-unuri. Is-St. Joseph rebħu s-section tagħhom mingħajr ma ġarrbu ebda telfa u l-aktar team li offra oppożizzjoni f'din is-



section kienu Zejtun Corinthians. Is-section spiċċat b'dan ir-riżultat L.10, R.8, D.2, T.O, F.17, K.1. punti 18, żewġ punti biss mitlufa u dawn kienu fi drawijiet kontra Senglea u Żejtun.

Ir-rebbieħa taż-żewġ sections l-oħra kienu Little Rainbows u Siggiewi, li t-tnejn irnexxielhom jirbħu s-section rispettivi mingħajr ma jitilfu u b'goal wieħed biss kontrihom. Imma l-ebda team minn dawn it-tnejn ma irnexxilu jispiċċa l-istaġun kif spiċċa s-section għax fit-Triangular Promotion Tournament it-tnejn tilfu l-logħbiet tagħhom kontra t-team tagħna u l-ebda team ma irnexxielu jinfed id-difiża soda tas-St. Joseph biex jiskorja goal. It-team Misidjan qeda dmiru tajjeb u ħeles mill-logħob fix-Schrieber Sports Ground biex sena oħra jilgħab f'li Stadium fit-Tieni diviżjoni. Il-promotion play offs spiċċaw hekk: L.4, R.4, D.O, T.O, F.5, K.O, 8 punti, l-aktar total possibbli.

Wara dan is-suċċess, il-players sabu dimostrazzjonijiet mir-Raħal il-Ġdid għall-Imsida ferm mistħoqq għall-aħħar logħba tagħhom. Il-karozzi iddekorati, u karrijiet taw l-appoġġ tagħhom b'dawra memorabbli ma' l-Imsida kollha.

#### STAĠUN 1966/67

Kulħadd ħaseb li l-logħob fit-tieni diviżjoni kien se jkun differenti minn dak tat-tielet diviżjoni, u li t-team Misidjan kien se jsib xi intopp imma dan ma kienx minnu. It-team Misidjan ta sfida qawwija lit-teamijiet tas-second u irnexxielu jerġa' jagħmel suċċess ieħor, ir-raba suċċess konsekuttiv, u forsi l-aktar suċċess fil-karriera tiegħu: jirbaħ il-promotion għal-ewwel diviżjoni wara staġun wieħed biss fis-second. Dan so jkun l-għaxar staġun fil-first diviżjoni wara nuqqas ta' wieħed u għoxrin sena. Fid-disa' staġuni li t-teamijiet Misidjani damu fl-ewwel diviżjoni kisbu dawn il-figuri L59, R13. D7. T39. F79. K176. punti **miġbura 33.**

Fit-tieni diviżjoni it-team Misidjan sofra telfa waħda biss, dik ta' l-ewwel round kontra Gzira United 2-0 fit-8 ta' Diċembru 1966. Din it-telfa waqfet sensiela ta' rebħiet lit-team ta' l-Imsida; l-aħħar telfa li kien ġarrab it-team Misidjan kienet fit-18 ta' April 1965 meta kien ġie megħlub miż-Żurrieq 1-0. Fit-2 ta' Mejju 1965 goal ta' Twannie Agius, is-centre foward preżenti, waqqaf lil Mosta li dak l-istaġun kienu għadhom ma ġarrbux telfa u beda sensiela ta' għoxrin rebħa f'għoxrin xahar lit-team Misidjan. L-unbeaten run kienet hekk:—

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1964/65 vs Mosta | 1. | 1. | 0. | 0. | 1. | 0. |
| 1965/66 3rd Div. League | 10. | 8. | 2. | 0. | 17. | 1. |
| 1965/66 Promotion Playoff | 4. | 4. | 0. | 0. | 5. | 0. |
| 1966/67 2nd Div. League | 5. | 2. | 3. | 0. | 8. | 4. |
| | 20. | 15. | 5. | 0. | 31. | 5. |

#### ATTIVITAJIET

F'dawn l-aħħar erba' staġuni, l-attivitajiet ma naqsux u hawn it-team Misidjan wera li l-affarijiet qed jittieħdu bis-serjetà u li kien wieħed minn ta' quddiem fl-attivitajiet qabel anke clubs tal-1st division. Fit-13 ta' Marzu 1966 il-club tagħna ħa l-inizjattiva u ġab team barrani minn Tripoli. L-ebda club mit-tielet diviżjoni qatt qabel ma ġab club barrani. It-team kien il-Wheelus Wanderers team, ta' Amateurs minn Tripli.

Il-Wheelus Wanderers lagħbu żewġ partiti fix-Schreiber Sports Ground. Fl-ewwel logħba tilfu mar-rivali sportivi ta' l-Imsida Żejtun Corinthians bl-iscore ta' 2-0 u ġurnata wara ġew draw mat-team tagħna 2-2 wara li t-team Misidjan kien qed jirbaħ 2-0 b'goal ta' T. Agius.

Barra miż-żjara tal-Wheelus Wanderers il-club tas-St. Joseph kien l-ewwel wieħed fost il-clubs Maltin li stieden lil Bobby Moore u s-sinjura tiegħu Captain ta' l-Ingilterra rebbieħa ta' l-aħħar edizzjoni tat-tazza tad-dinja. Meta kien Malta l-players Misidjani ġew ippreżentati 'l Bobby Moore u lis-Sinjura tiegħu fil-każin stess li kien imżejjen għall-okkażjoni.

Dan l-aħħar ukoll il-president kien ħabbar li jekk it-team tagħna jirbaħ il-promotion kien se jġib hawn Malta għal żjara lil player Portugiż Eusebio Ferrera Da Silva it-top scorer ta' l-aħħar edizzjoni tat-tazza tad-dinja. Jiddispjaċina li din iż-żjara ma seħħitx minħabba nuqqas ta' ftehim minnaħa tal-club tiegħu Benfica. Kienet tkun ħaġa sabiħa li wara li intqajna ma' Bobby Moore issa li irbaħna l-promotion konna niltaqgħu mal "Perla s-Sewda" Eusebio.

# ST. JOSEPH F.C.: "Footballer of the Year"

**Biex l-interess ikompli jikber fil-logħba tal-football, ta' kull sena għal dawn l-aħħar erba' snin il-kumitat tas-St. Joseph qed jagħti l-"Footballer of the Year" lil dak il-player li matul l-istaġun ikun regolari fit-training, jilgħab tajjeb u fuq kollox eżemplari.**

Din is-sena dawn il-fatturi instabu fuq il-Full-back regolari Alfred Galea.

Alfred Galea, twieled fit-13 ta' Diċembru, 1937. Irreġistra mas-St. Joseph fis-sena 1965/66 minn mal-Balzan Youths, fl-ewwel staġun tiegħu mas-St. Joseph Freddie rebaħ il-promotion għas-second division u s-sena l-oħra kien player regolari u captain għat-tieni Round fit-team li rebaħ il-promotion għall-First Division. Fis-sentejn li ilu mas-St. Joseph, Alfred Galea lagħab 27 logħba tal-League, 5 logħbiet tan-K.O., logħba tat-Trophy u 6 logħbiet friendly. Freddie kien runner-up għall-Msida Footballer of the Year għas-sena 1965/66.

Ir-rebbieħa kollha tal-Footballer of the Year mill-bidu tagħha fl-istaġun 1963/1964 kienu:

1. 1963/1964 — Lewis Betts.
2. 1964/1965 — Henry Mifsud.
3. 1965/1966 — Tony Betts.
4. 1966/1967 — Alfred Galea.



# VARJETA'

Minn

FRANCOIS

I GIGANTI JISTRIEĦU WARA R-RECORDING TAD-DISKA "PROPOSTA". MIX-XELLUG GĦAL-LEMIN: GIACOMO, SERGIO, MARIA PAPES U CHECCO.

Giacomo huwa l-idea, Sergio l-vuċi, Papes il-moħħ u Francesco x-xena. Dawn l-erba' ma ħalqux biss grupp għalihom iżda wkoll stil li ħadd ma jimitah ħlief dawn l-erba' ġiganti. Dan il-grupp sar popolari fis-sajf tas-sena 1964 fil-programm "DISCO PER L'ESTATE" kien ippreżenta l-famuża song "TEMA". Meta raw li marru tajjeb f'din is-song ippreparaw ruħhom tajjeb għal festival ta' San Remo, fejn mingħajr kitarri ħarġu quddiem il-pubbliku jkantaw is-song "PROPOSTA". F'dan il-festival il-ġiganti wrew il-kwalità tajba tagħhom.

**GIACOMO DE MARTINO** twieled f'Milan u għandu 22 sena .Id-diski li jirrekordjaw il-ġiganti jiktibhom kollha Giacomo. Fir-recording tas-song proposta DE MARTINO ħa l-parti tal-pittur. Missieru għandu s-sena ta' ħajjat. Hu joqgħod f'Milan flimkien ma' missieru, ommu u ħutu oħra.

**SERGIO** jiġi ħu GIACOMO. Tant hu qasir Sergio li sħabu laqqmuh il-ġigant nanu. Infatti dan il-kantant jaħbat l-iqsar fost il-grupp. Hu l-uniku wieħed li ma jħallix il-leħja, għax jgħid li t-tfajliet jieħdu grazzja jiggustawh mingħajrha. Ommu dejjem tkun miegħu kull fejn imur, anke fit-tours li jagħmel il-grupp, u meta Sergio jkun għajjien ommu żżommu f'dirgħajha u allura jorqod trankwill.

**ENRICO MARIA PAPES** huwa l-uniku ġigant miżżewweġ. Il-mara jisimha Rina u kienet taħdem ta' skrivana f'bank fejn Enrico Maria kien imur qabel ma beda jkanta. Huma għandhom tifel jismu Alessandro.

**FRANCESCO** huwa s-show-man tal-kwartett "I Giganti". Huwa jieħu ħsieb tal-ġesti li l-ġiganti jagħmlu meta jkunu qegħdin ikantaw quddiem il-pubbliku. Francesco huwa l-uniku wieħed mhux Milaniż. Huwa twieled f'Forli'.

Dawn huma l-erba' żgħażagħ li fformaw il-kwartett "I Giganti" fis-sajf tas-sena 1964. Huma ma tantx kellhom fiduċja li dan il-grupp kien ser ikun xi suċċess kbir iżda huma ħasbu li anke jekk ma jsirux popolari jkunu jistgħu jaqilgħu xi ħaġa billi jduru fin-nightclubs.

Iżda s-suċċess li kellha l-ewwel diska tagħhom "TEMA" fil-final ta' "Disco per l'Estate" imliethom bil-kuraġġ u minn dak in-nhar ma ħarsux lura iżda komplew sejrin tant tajjeb li kull diska li joħorġu hija suċċess.

Aħna nawguraw lil "I Giganti" jkunu jistgħu jkomplu jgawdu l-popolarità li kisbu fil-waqt li jibqgħu jagħtuna ħafna u ħafna songs sbieħ fl-istil uniku tagħhom.


FALZON'S PHOTO STUDIO

88, MANNARINO ROAD, B'KARA

• WEDDING GROUPS
• PASSPORTS
• COPYING

COLOURING & MOUNTINGS ARE ACCEPTED

CAMERAS, FILMS & PHOTO GOODS DEALER




• WEDDINGS,
• PARTIES
and
OTHER SOCIAL ACTIVITIES

FLASHLIGHTS AND CINE WORK

BY APPOINTMENT

Tel. 36074

# SO SPOTLESSLY CLEANER!
# SO SPARKINGLY WHITE!




THAT IS WHY THE HOUSEWIFE WHO USES

## SPEL

IS SO PROUD OF HER **SPEL**-WASHED CLOTHES

**SPEL** OUTERS ARE EXCHANGEABLE FOR USEFUL

***FREE GIFTS***

Agents:

## EMM. BONELLO

10, FRA DIEGO STREET, MARSA

Tel. 26452.



# INVICTA FURNITURE
## By INVICTA WORKA of MSIDA

*MODERN – SUPREME – LUXURIOUS*

* BEDROOM SUITES * SETTEES * KITCHEN UNITS
* DINING ROOM SUITES * TABLES AND CHAIRS
* DIVAN BEDS * WALL GARMENTS * COFFEE TABLES
* TROLLEYS * COCKTAIL CABINETS ETC. .....

THEY ALSO MANUFACTURE:—

* ASEPTIC HOSPITAL FURNITURE
* WRITING DESKS * TYPISTS AND EXECUTIVE CHAIRS
* SCHOOL FURNITURE * BAR COUNTERS SHOP SHOW CASES * SHOP FACIALS BUS SEATS
* BUS ACCESSORIES.

*For Modern Furniture at Moderate Prices Consult INVICTA*

**CALL AT OUR SHOWROOMS: THE STRAND, SLIEMA.**
**Tel: 26651** **PIETA WHARF — PIETA.**

**STAND A. 12 AT THE MALTA TRADE FAIR**

# LEOWE-OPTA TV



IS-SET LI REBAĦ IS-SUQ

# MAGNI TAL-ĦASIL

INDESIT

**AWTOMATIĊI – JAĦSLU, ILAĦALĦU, JGĦALLU, JGĦASRU,**
**JIEĦDU L-ILMA U JBATTLUH WEĦIDHOM**

**U**

# LINDE REFRIGERATORS

**L-ISBAĦ U L-AQWA LI HAWN**
**KAXXI TAS-SILĠ (DEEP FREEZE) MILL-AQWA**

*AĠENT WAĦDANI:*

## CONSIGLIO D'AMATO

## Western Radio Service

**701, HIGH STREET, HAMRUN**
**TEL. 28356**

Stampat fl-"Empire Press" — Floriana